

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rigward il-kriterji għal valutazzjoni fil-fond tal-ghajjnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment

(2009/C 223/02)

1. INTRODUZZJONI

1.1. Regoli ġenerali għal miżuri ta' ghajjnuna reġjonali

1. Il-Linji Gwida tal-Kummissjoni għall-Ghajjnuna Reġjonali nazzjonali għall-2007-2013 ⁽¹⁾ ("RAG") jiċċaraw l-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ghajjnuna reġjonali mill-Istat. Skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-RAG, u minkejja l-effetti negattivi li l-ghajjnuna reġjonali mill-Istat jista' jkollha fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra ghajjnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq komuni jekk din l-ghajjnuna tingħata biex jittkabbar l-iżvilupp ekonomiku ta' ċerti reġjuni żvantaġġati fl-Unjoni Ewropea.

2. B'mod ġenerali, fir-RAG titqies il-gravità relattiva tal-problemi li jaffettwaw li-żvilupp tar-reġjuni kkonċernati permezz tal-introduzzjoni ta' limiti massimi speċifiċi għall-ghajjnuna reġjonali. Dawn l-intensitajiet massimi ta' ghajjnuna huma pproporzjonati bejn l-10 % u l-50 % tal-ispejjeż eliġibbli, primarjament fuq il-bażi tal-PGD per capita tar-reġjuni kkonċernati, iżda wkoll billi titħalla flessibilità lill-Istati Membri biex dawn ikunu jistgħu jikkunsidraw il-kundizzjonijiet lokali. Il-mapep tal-ghajjnuniet reġjonali għal kull Stat Membru huma ppubblikati fuq is-sit Europa ⁽²⁾. Dawn l-intensitajiet ta' ghajjnuna pproporzjonati jirriflettu, essenzjalment, l-eżerċizzju ta' bilanċ li l-Kummissjoni trid ttwettaq bejn, fuq naħa, l-effett pożittiv li jista' jkollu l-investiment reġjonali, b'mod partikolari fil-promozzjoni tal-koeżjoni billi jiġi attirat l-investiment lejn inħawi, u, fuq in-naħa l-oħra li tillimita l-effetti potenzjalment negattivi li jistgħu jkunu inerenti f'ghajjnuna bħal din lil impriżi individwali, pereżempju fuq operaturi ekonomiċi oħra u fuq reġjuni li l-vantaġġ kompettiv relattiv tagħhom jisfa' mnaqqas bħala effett.

3. Proġett kbir ta' investiment huwa proġett inizjali bi spiża eliġibbli li tkun 'il fuq minn EUR 50 miljun ⁽³⁾ f'valur preżenti. Investiment kbir huwa affettwat anqas minn problemi speċifiċi għar-reġjuni fi nħawi żvantaġġati. Hemm riskju miżjud li l-kummerċ se jiġi affettwat minn dawn il-proġetti u għalhekk ikun hemm riskju ta' effett aktar fsahhtu ta' distorsjoni fil-konfront ta' kompetituri f'reġjuni oħra. Hemm ukoll riskju b'dawn il-proġetti li l-ammont ta' ghajjnuna jaqbeż il-minimu meħtieġ biex jikkompensa għal żvantaġġi reġjonali u li l-ghajjnuna mill-Istat għal dawn il-proġetti twassal għal effetti perversi (għażliet ineffiċjenti ta' lokazzjoni), tfixkil akbar tal-kompe-

tizzjoni u, peress li l-ghajjnuna huwa trasferiment għali mingħand dawk li jħallsu t-taxxa favur dawk li jirċievu l-ghajjnuna, ikun hemm telf nett ta' benefiċċji soċjali, cioe', l-ispiża tal-ghajjnuna teċċedi l-benefiċċji lill-konsumaturi u produkturi.

4. Ir-RAG jipprevedu wkoll regoli speċifiċi għal ghajjnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment ⁽⁴⁾. Ir-RAG jipprovdu għal tnaqqis awtomatiku u progressiv fl-iskala tal-limiti massimi tal-ghajjnuna reġjonali għal dawn il-proġetti kbar ta' investiment bil-għan li jiġi limitat it-tfixkil tal-kompetizzjoni għal livell li ġeneralment jista' jitqies li huwa kkompensat mill-benefiċċji tagħhom f'termini tal-iżvilupp tar-reġjuni kkonċernati ⁽⁵⁾.

5. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom joħorġu notifika fuq bażi individwali dwar kull ghajjnuna għal proġetti ta' investiment jekk l-ghajjnuna proposta tkun aktar mill-ammont massimu permissibbli li investiment b'nefqa eliġibbli ta' EUR 100 miljun jista' jirċievi skont ir-regoli applikabbli (limitu tan-notifika) ⁽⁶⁾. Għal dawn il-każi nnotifikati, il-Kummissjoni tivverifika b'mod partikolari l-intensitajiet tal-ghajjnuna, il-kompatibilità mal-kriterji ġenerali tar-RAG u jekk l-investiment innotifikat jirrappreżentax żieda maġġuri fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni filwaqt li fl-istess ħin tindirizza suq li l-prestazzjoni tiegħu tkun inqas mil-livell standard jew li saħansitra jkun sejjer lura, jew ditti benefiċjarji b'ishma għoljin fis-suq.

1.2. Miżuri ta' ghajjnuna reġjonali soġġetti għal valutazzjoni fil-fond

6. Minkejja t-tnaqqis awtomatiku fl-iskala tal-limiti massimi tagħhom, ċerti ammonti mdaqqsqa ta' ghajjnuniet reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment xorta jista' jibqa' jkollhom effetti sinifikanti fuq il-kummerċ, u jistgħu jwasslu għal tfixkil sostanzjali tal-kompetizzjoni. Għal din ir-raġuni, kienet qabel il-politika tal-Kummissjoni li ma tawtorizzax ghajjnuna għal proġetti kbar ta' investiment 'il fuq mil-limiti li ġejjin ⁽⁷⁾:

— il-benefiċjarju tal-ghajjnuna jkun jirrappreżenta aktar minn 25 % mill-bejgħ tal-prodott(i) kkonċernat(i) fis-suq/swieq ikkonċernat(i), jew

— il-kapaċità tal-produzzjoni maħluqa mill-proġett taqbeż il-5 % tas-suq, filwaqt li r-rata ta' tkabbir tas-suq ikkonċernat tkun aktar baxxa mir-rata ta' tkabbir tal-PGD taż-ŻEE.

⁽⁴⁾ Ara Taqsim 4.3 tar-RAG.

⁽⁵⁾ Ara l-paragrafu 67 tar-RAG.

⁽⁶⁾ Ara l-paragrafu 64 tar-RAG.

⁽⁷⁾ Ara paragrafu 24 tal-qafas Multisettorali tal-2002 dwar ghajjnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment (ĠU C 70, 19.3.2002, p. 8, kif emendata fil-ĠU C 263, 1.11.2003, p. 3).

⁽¹⁾ ĠU C 54, 4.3.2006, p.13.

⁽²⁾ http://ec.europa.eu/comm/competition/state_aid/regional_aid/regional_aid.html

⁽³⁾ Kif definit fil-paragrafu 60 u n-noti tal-qiegħ 54 u 55 tar-RAG.

7. Madankollu, taħt ir-RAG kurrenti, il-Kummissjoni għażlet approċċ aktar individwalizzat, li jippermetti li jiġu kkunsidrati l-benefiċċji ta' koeżjoni u oħrajn li jistgħu jissarrfu minn proġetti bħal dawn, bl-aktar mod konkret possibbli. Kwalunkwe tali benefiċċju għandu, madankollu, jiġi evalwati fid-dawl tal-effetti negattivi li aktarx ikun hemm fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni, li għandhom ukoll jiġu identifikati bl-aktar mod konkret possibbli. Għalhekk, paragrafu 68 tar-RAG jipprevedi li l-Kummissjoni twettaq proċedura formali ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 88(2) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita' Ewropea għal każijiet li jkunu 'l fuq mill-limitu tan-notifika u li jilhqgħu waħda jew iż-żewġ kundizzjonijiet tal-paragrafu 68(a) u (b) tar-RAG (il-limiti tal-valutazzjoni fil-fond li huma l-istess bħal-limiti deskritti f'paragrafu 6 ta' din il-kommunikazzjoni). F'dawn il-każi, l-objettiv tal-investigazzjoni formali jkun li titwettaq verifika ddettaljata dwar "jekk l-għajjnuna hijiex meħtieġa biex ttipprovdi effett ta' incēntiv għall-investment u jekk il-benefiċċji tal-miżura tal-għajjnuna jissuperawx id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri" (1).
8. Fin-nota ta' qiegħ il-paġna 63 tar-RAG, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li "tfassal linji gwida ulterjuri għall-kriterji li se tkun qed tikkunsidra matul din il-valutazzjoni". Hawn taħt, il-Kummissjoni tippreżenta linji gwida għat-tip ta' informazzjoni li jista' jkollha bżonn u l-metodoloġija li tkun trid timxi magħha soġġett għal valutazzjoni ddettaljata. F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Għajjnuna mill-Istat (2), il-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni globali tal-għajjnuna bbażata fuq bilanċ tal-effetti pożittivi u negattivi tagħha sabiex jiġi ddetminat jekk, f'sens ġenerali, il-miżura ta' għajjnuna tistax tiġi approvata.
9. Il-valutazzjoni ddettaljata għandha tkun proporzjonali għat-fteħil potenzjali li jista' jinħoloq mill-għajjnuna. Dan ifisser li l-portata tal-analiżi tkun tiddependi min-natura tal-każ. Għaldaqstant, in-natura u l-livell tax-xhieda meħtieġa jkunu jiddependu wkoll mill-karatteristiċi ta' kull każ individwali. Barra dan, filwaqt li tirrispetta d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-komportament tal-proċedura formali ta' investigazzjoni kif stabbilit fl-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 fejn hemm regoli dettaljati tal-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat KE (3), il-Kummissjoni tista', inter alia, titlob lill-Istat Membru jipprovdi studji indipendenti biex tiġi kkonfermata l-informazzjoni li jkun fiha n-notifika, jew tfittex kontribut minn operaturi ekonomiċi oħra attivi fis-swieq rilevanti jew mingħand esperti dwar l-iżvilupp reġjonali. Barra minn hekk, jintlaqgħu osservazzjonijiet minn partijiet interessati waqt li jkunu għaddejnin proċeduri formali ta' investigazzjoni individwali. Il-Kummissjoni tidentifika l-problemi ewlenin li dwarhom tkun qed tfittex kontribut fil-fażi tal-ftuħ tal-proċedura.
10. In-notifika attwali hija intiża biex tiżgura t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet tal-

Kummissjoni, u t-trattament ugwali tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni tirriżerva l-possibbiltà li temenda u teżamina mill-ġdid dawn il-linji gwida fil-kuntest tal-esperjenza tal-każ.

2. EFFETTI POŻITTIVI TAL-GĦAJJUNA

2.1. Għan tal-għajjnuna

11. L-għajjnuna reġjonali għandha għan ta' interess komuni, li jirrifletti kunsiderazzjonijiet ta' ekwità' jiġifieri li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika billi tgħin biex titnaqqas id-differenza bejn il-livelli ta' żvilupp fid-diversi reġjuni tal-Komunita'. Il-paragrafu 2 tar-RAG jstabbilixxi li: "Billi tindirizza l-iżvantaġġi tar-reġjuni żvantaġġati, l-għajjnuna reġjonali nazzjonali tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea fl-intier tagħha". Il-paragrafu 3 tar-RAG iżid li: "L-għajjnuna ta' investment reġjonali hija mfassla biex tassisti fl-iżvilupp tar-reġjuni l-aktar żvantaġġati billi ssostni l-investment u l-ħolqien tax-xogħol. Hija tippromwovi l-espansjoni u ddiversifikazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi li joperaw fir-reġjuni li huma inqas favorevoli, b'mod partikolari billi tħeġġeġ lid-ditti biex jiftħu stabbilimenti f'dawn ir-reġjuni".
12. Fir-rigward ta' daww il-proġetti kbar ta' investment li jissodisfaw il-limiti ta' valutazzjoni fil-fond, l-Istat Membru jintalab biex juri li l-għajjnuna se tindirizza l-għan ta' ekwità' kkonċernat. Għalhekk, l-Istat Membru jkun jeħtieġu jikkonvalida l-kontribuzzjoni tal-proġett ta' investment għall-iżvilupp tar-reġjun ikkonċernat.
13. Filwaqt li l-għan primarju tal-għajjnuna reġjonali huwa li tinkoraġġixxi interessi ta' ekwità' bħala koeżjoni ekonomika, l-għajjnuna reġjonali tista' wkoll tindirizza problemi mqanqla minn falliment tas-suq. L-iżvantaġġi reġjonali jistgħu jkunu marbuta ma' fallimenti tas-swieq bħal informazzjoni mhux preċiża, problemi ta' koordinazzjoni, diffikultajiet għall-benefiċjarju ta' investimenti adegwati f'beni pubbliċi jew esternalitajiet minn investimenti. Meta, barra milli tindirizza għanijiet ta' ekwità', l-għajjnuna reġjonali tindirizza wkoll interessi ta' effiċjenza, l-effett pożittiv globali tal-għajjnuna jitqies ikbar.
14. Il-lista ta' kriterji indikattivi li ġejjin, li mhijiex lista eżawrjenti, tista' tintuża biex tintwera l-kontribuzzjoni reġjonali tal-għajjnuna mill-aspett li jwassal għall-attrazzjoni ta' investment u attività addizzjonali fir-reġjun. Dawn l-effetti pożittivi tal-għajjnuna jistgħu jkunu kemm diretti (pereżempju, il-ħolqien ta' impjieg diretti) kif ukoll indiretti (pereżempju, innovazzjoni lokali).
- L-għadd ta' impjieg diretti maħluqa bis-saħħa tal-investment huwa indikatur importanti tal-kontribuzzjoni għall-iżvilupp reġjonali. Il-kwalità tal-impjieg maħluqa u l-livell ta' ħilet meħtieġa għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.

(1) Ara l-paragrafu 68 tar-RAG.

(2) Ara l-paragrafi 11 u 20 tas-SAAP (COM(2005) 107 finali).

(3) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

- Jista' jinħoloq saħansitra għadd akbar ta' impjegi ġodda fin-netwerk tas-(sub-)fornituri lokali, u dan jgħin biex jiġi integrat aħjar l-investiment fir-reġjun ikkonċernat u biex jiġu żgurati effetti ta' tixrid fuq medda usa'. Għalhekk, l-għadd ta' impjegi indiretti maħluqa għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.
- Impenn min-naħa tal-benefiċjarju biex iwettaq attivitajiet ta' taħriġ fuq medda wiesgħa biex jittejjbu l-ħiliet (ġenerali u speċifiċi) tal-impjegati tiegħu jiġi kkunsidrat bħala fattur li jikkontribwixxi għall-iżvilupp reġjonali. Għandu jiġi enfazzat ukoll it-taħriġ li jtejjeb l-għarfien u l-impjegabbiltà tal-ħaddiema ta' barra l-impriża. It-taħriġ ġenerali jew speċifiku li għalih tkun ġiet approvata għajjnuna għat-taħriġ ma jingħaddx bħala effett pożittiv tal-għajjnuna reġjonali sabiex jiġi evitat li jsir għadd doppju.
- Ekonomiji ta' skala esterni jew benefiċċji oħra mill-perspettiva ta' żvilupp reġjonali jistgħu jinħolqu bħala riżultat ta' prossimità (effett ta' raggruppament (clustering effect)). Ir-raggruppament tal-impriżi fl-istess industrija jippermetti lil impjanti individwali jispeċjalizzaw aktar u dan iwassal għal żieda fl-effiċjenza. Il-prossimità fiżika tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni, l-ideat u l-għarfien bejn l-impriżi. Il-konċentrazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi tiġbed lil bosta minn dawk li jkunu qed ifittxu x-xogħol u dan jiżgura l-għbir flimkien fuq skala kbira ta' ħaddiema b'ħiliet differenti li jkunu disponibbli biex jaħdmu ma' dawn l-impriżi. L-aċċess għal servizzi legali u kummerċjali jkun żgurat u dan ikabbar il-produttività. B'mod ġenerali, konċentrazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi tista' terġa tħajjar investimenti oħra li, min-naħa tagħhom, ikabbru l-effetti pożittivi ta' tixrid (iċ-ċirku virtwuż).
- L-investimenti jinkorporaw għarfien tekniku u jistgħu jkunu s-sors ta' trasferiment ta' teknoloġija sinifikanti (tixrid ta' għarfien). Il-probabbiltà li investimenti li jseħħu f'industrija ta' teknoloġija intensiva jinvolvu trasferiment teknoloġiku lejn ir-reġjun reċipjenti hija ikbar. F'dan ir-rigward, il-livell u li-speċifiċità tat-tixrid tal-għarfien huma importanti wkoll.
- Il-kontribuzzjoni tal-proġetti għall-kapaċità tar-reġjun biex tinħoloq teknoloġija ġdida permezz ta' innovazzjoni lokali tista' wkoll tiġi kkunsidrata. Il-kooperazzjoni bejn il-faċilità ġdida ta' produzzjoni u l-istituzzjonijiet lokali tal-edukazzjoni għolja tista' titqies b'mod pożittiv f'dan ir-rigward.
- It-tul ta' żmien tal-investiment u l-investimenti ġejjiena possibbli ta' segwitu huma indikazzjoni ta' impenn b'saħħtu min-naħa tal-kumpanija fir-reġjun.

15. L-Istati Membri huma mistiedna biex partikolarment joqogħdu fuq l-evalwazzjonijiet ta' skemi mgħoddija ta'

għajjnuna mill-Istat jew il-miżuri, il-valutazzjonijiet tal-impatt magħmula mill-awtoritajiet li joħorġu l-għotjiet, l-opinjoni tal-esperti u studji possibbli oħra marbuta mal-proġett ta' investiment taħt valutazzjoni. Il-pjan ta' negozju tal-benefiċjarju tal-għajjnuna jista' jipprovdi informazzjoni dwar għadd ta' impjegi maħluqa, salarji mħallsa (żieda fil-ġid domestiku bħala effett ta' tixrid), volum ta' bejgħ mill-produtturi lokali, fatturat iġġenerat mill-investiment u li hu ta' benefiċċju għar-reġjun possibbilment permezz ta' dħul fiskali addizzjonali.

16. Jekk rilevanti, ir-relazzjoni bejn il-proġett ta' investiment ipplanat u l-qafas nazzjonali ta' referenza strateġika, kif ukoll ir-relazzjoni bejn il-programmi operattivi li huma kofinanzjati mill-fondi strutturali, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tista' speċifikament tikkunsidra kwalunkwe deċiżjoni marbuta mal-miżura fil-kontest tal-analiżi tal-proġetti maġġuri taħt il-fondi strutturali jew il-Fond ta' Koeżjoni ⁽¹⁾. Din id-deċiżjoni hija, fost elementi oħra, ibbażata fuq "analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, inkluża valutazzjoni tar-riskju u l-impatt prevedibbli fuq is-settur ikkonċernat u fuq is-sitwazzjoni soċjali-ekonomika tal-Istat Membru u/jew ir-reġjun u, meta jkun possibbli u xieraq, ta' reġjuni oħra tal-Komunità."

2.2. Adegwatezza tal-istrument ta' għajjnuna

17. L-għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' sussidji għall-investiment mhijiex l-uniku strument politiku disponibbli għall-Istati Membri biex isostnu l-investiment u l-ħolqien tal-impjegi freġjuni żvantaġġati. Fil-fatt, l-Istati Membri jistgħu jużaw miżuri ġenerali bħal ma huwa l-iżvilupp tal-infrastruttura għal titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ u fl-ambjent ġenerali tan-negozju.

18. Miżuri li għalihom l-Istat Membru kkunsidra għażliet politiċi oħra, u li għalihom huma stabbiliti l-vantaġġi tal-użu ta' strument selettiv bħal ma hija l-għajjnuna mill-Istat għal kumpanija speċifika, huma kkunsidrati bħala li jikkontribwixxu strument xieraq. Il-Kummissjoni tikkunsidra partikolarment kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt tal-miżura proposta li l-Istat Membru seta' għamel.

2.3. Effett ta' inċentiv

19. L-analizzar tal-effett ta' inċentiv tal-miżura tal-għajjnuna huwa wieħed mill-aktar elementi importanti fil-valutazzjoni fil-fond tal-għajjnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-għajjnuna proposta tkunx meħtieġa għall-produzzjoni ta' "effett ta' inċentiv reali biex jiġu eżegwiti investimenti li altrimenti ma kinux iseħħu fiż-żoni meġhjana" ⁽²⁾. Din il-valutazzjoni titwettaq fuq żewġ livelli: l-ewwel, fuq livell ġenerali proċedurali, u t-tieni, fuq livell ekonomiku aktar dettaljat.

⁽¹⁾ Ara t-Taqsima 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 Lulju 2006 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-ERDF, Il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

⁽²⁾ Ara l-paragrafu 38 tar-RAG.

20. Fil-punt 38, ir-RAG diġà jinkludu kriterji ġenerali biex jipprovdu valutazzjoni formali tal-effett ta' inċentiv tal-ghajjuna reġjonali. Dawn il-kriterji japplikaw għall-ghajjuniet reġjonali kollha, mhux biss għall-ghajjuna reġjonali għall-proġetti kbar ta' investiment.
21. Fil-każ ta' ghajjuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment koperti minn din il-komunikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tivverifika fid-dettall "jekk l-ghajjuna hijiex meħtieġa biex tipprovdi effett ta' inċentiv għall-investiment" ⁽¹⁾. L-għan ta' din il-valutazzjoni ddettaljata hu li jiġi stabbilit jekk l-ghajjuna attwalment tikkontribwixxi għal bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju li għandha twassal biex dan jidħol għal impenn ta' investiment addizzjonali fir-reġjun megħjun ikkonċernat. Jeżistu bosta raġunijiet validi biex kumpanija tillokalizza f'ċertu reġjun, ukoll mingħajr ebda għoti ta' ghajjuna.
22. Filwaqt li jiġi kkunsidrat l-għan ta' ekwità derivanti mill-politika ta' koeżjoni u sakemm l-ghajjuna tikkontribwixxi għall-ilħuq ta' dan il-għan, effett ta' inċentiv jista' jiġi ppruvat f'żewġ kuntesti possibbli:
- (1) L-ghajjuna toffri inċentiv tiġi adottata deċiżjoni pożittiva dwar l-investiment għaliex investiment li altrimenti ma setax ikun profittabbli għall-kumpanija fi kwalunkwe lokalità jista' jseħħ fir-reġjun megħjun ⁽²⁾.
- (2) L-ghajjuna tagħti inċentiv biex wieħed jagħżel li investiment ipjjanat jagħmlu fir-reġjun ġeografiku rilevanti minflok x'imkien ieħor għaliex ikun qed jimmupenda għall-iżvantaġġi u l-ispejjeż netti marbuta ma' post fir-reġjun megħjun.
23. L-Istat Membru għandu jagħti prova lill-Kummissjoni tal-eżistenza ta' effett ta' inċentiv għall-ghajjuna. L-Istat Membru jeħtieġ li jipprovdi xhieda ċara li l-ghajjuna għandha impatt reali fuq l-għażla tal-investiment jew l-għażla tal-lokalità. Huwa jrid jispeċifika liema xenarju għandu japplika. Sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni komprensiva, l-Istat Membru jrid jipprovdi mhux biss informazzjoni dwar il-proġett megħjun iżda wkoll deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju kontrofattwali fejn fih ma jkunx hemm għoti ta' ghajjuna mill-Istat Membru lill-benefiċjarju.
24. Fl-ewwel xenarju, l-Istat Membru jista' jipprovdi xhieda tal-effett ta' inċentiv tal-ghajjuna billi jissottometti dokumenti tal-kumpanija li juru li l-investiment ma kienx ikun profittabbli mingħajr l-ghajjuna u li l-ebda lokalità oħra ħlief ir-reġjun megħjun ikkonċernat ma seta' jkun previst.
25. Fit-tieni xenarju, l-Istat Membru jista' jagħti prova tal-effett ta' inċentiv tal-ghajjuna billi jissottometti dokumenti tal-kumpanija li juru li jkun sar tqabbil bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji fir-rigward tal-allokazzjoni fir-reġjun megħjun ikkonċernat u dawk fir-rigward ta' reġjun alternattiv. Dawn ix-xenarji komparattivi għandhom jitqiesu bħala xenarji realistiċi mill-Kummissjoni.
26. L-Istati Membri huma, b'mod partikolari, mistiedna biex joqogħdu fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju (inkluża l-valutazzjoni ta' riskji marbuta mal-lokazzjoni), ir-rapporti finanzjarji, il-pjanijiet ta' negozju interni, l-opinjoni tal-esperti u studji oħra marbuta mal-proġett ta' investiment taħt valutazzjoni. Dokumenti li fihom tbassir ta' informazzjoni b'rikjesta, tbassir ta' spejjeż, tbassir finanzjarju, dokumenti li jiġu ppreżentati lill-kumitat għall-investiment u li fihom ikun hemm elaborazzjoni dwar diversi xenarji ta' investiment, jew dokumenti pprovduti lis-swieq finanzjarji, kollha jistgħu jgħinu biex jiġi vverifikat l-effett ta' inċentiv.
27. F'dan il-kuntest, u b'mod partikolari fl-ewwel xenarju, il-livell ta' profittabbiltà jista' jiġi evalwat b'referenza għal metodoloġiji li huma Prattika standard fl-industrija partikolari kkonċernata, u li jistgħu jinkludu: metodi għall-ewwazzjoni tal-Valur Nett Preżenti tal-proġett (NPV), ir-rata interna ta' qligħ (IRR) jew il-qligħ fuq il-kapital utilizzat (ROCE).
28. Jekk l-ghajjuna ma tibdilx l-imġiba tal-benefiċjarju billi tistimula investiment (addizzjonali) fir-reġjun megħjun ikkonċernat, ikun hemm nuqqas ta' effett ta' inċentiv biex jinkiseb l-għan reġjonali. Jekk l-ghajjuna ma jkollha l-ebda effett ta' inċentiv biex jinkiseb l-għan reġjonali, ghajjuna bħal din tista' titqies bħala flus li waqgħu mis-sema għall-kumpanija. Għaldaqstant, f'valutazzjoni fil-fond ta' ghajjuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment, l-ghajjuna m'għandhiex tiġi approvata f'każi fejn ikun jidher li l-istess investiment ikun jista' jseħħ fir-reġjun ukoll mingħajr ghajjuna.

2.4. Proporzjonalità tal-ghajjuna

29. Biex l-ghajjuna reġjonali tkun proporzjonali, l-ammont u l-intensità tal-ghajjuna jridu jkunu limitati għall-minimu meħtieġ biex l-investiment ikun jista' jseħħ fir-reġjun megħjun.
30. Ġeneralment, ir-RAG jiżguraw li l-ghajjuna reġjonali tkun proporzjonali għall-gravità tal-problemi li jaffettwaw lir-reġjuni megħjunin billi japplikaw b'mod ġenerali limiti massimi ta' ghajjuna reġjonali u t-tnaqqis awtomatiku u progressiv fl-iskala ta' dawn il-limiti massimi tal-ghajjuna reġjonali għall-proġetti kbar ta' investiment (ara paragrafi 1 u 3).

⁽¹⁾ Ara l-paragrafu 68 tar-RAG.

⁽²⁾ Investimenti bħal dawn jistgħu jgħolqu kundizzjonijiet li jippermettu investimenti ulterjuri li kapaċi jfendu mingħajr ghajjuna addizzjonali.

31. Għal każi ta' għajjnuna reġjonali li jeħtieġu valutazzjoni fil-fond, hi meħtieġa verifika aktar dettaljata ta' dan il-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità li jinsab fir-RAG.
32. Fl-ewwel xenarju, fejn għandha x'taqsam inċentiv għal investiment, l-għajjnuna ġeneralment titqies proporzjonali jekk, bis-saħħa tal-għajjnuna, id-dħul mill-investiment ikun konformi mar-rata ta' dħul normali applikata mill-kumpanija fi proġetti ta' investiment oħrajn, mal-ispiża tal-kapital tal-kumpanija fuq bażi globali jew mad-dħul li hu ġeneralment osservat fl-industrija kkonċernata.
33. Fit-tieni xenarju, fejn għandha x'taqsam inċentiv għal investiment, l-għajjnuna ġeneralment titqies proporzjonali jekk tkun ugwali għad-differenza bejn l-ispejjeż netti għall-kumpanija benefiċjarja biex tinvesti fir-reġjun meġġun u l-ispejjeż netti biex tinvesti fir-reġjun(i) alternattiv(i). Huwa meħtieġ li dawn l-ispejjeż u benefiċċji jiġu kkunsidrati, inkluż, pereżempju, l-ispejjeż amministrattivi, l-ispejjeż għa-ttrasport, l-ispejjeż għat-taħriġ li ma jkunux koperti minn għajjnuna għat-taħriġ kif ukoll id-differenzi fil-paġi.
34. Bażikament, dawn l-ispejjeż netti li huma meqjusin bħala marbutin mal-iżvantaġġi reġjonali jirriżultaw fi profittabbiltà tal-investiment aktar baxxa. Għal din ir-raġuni, il-kalkoli li jintużaw għall-analiżi tal-effett ta' inċentiv, jistgħu jintużaw ukoll biex jiġi evalwat jekk l-għajjnuna hijiex proporzjonali.
35. L-Istat Membru jeħtieġ juri l-proporzjonalità abbażi ta' dokumentazzjoni xierqa bħal ma hija dik imsemmija fil-paragrafu 26.
36. L-intensità tal-għajjnuna fl-ebda każ ma għandha tkun ogħla mil-limiti massimi tal-għajjnuna reġjonali kkoreġuti mill-mekkaniżmu ta' tnaqqis fl-iskala ta' dawn illimiti, kif indikat fir-RAG.
37. Biex twettaq valutazzjoni tal-ishma tas-suq u l-potenzjal ta' eċċess ta' kapacià produttiva f'suq li jkun jinsab għaddej minn rigress strutturali, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi s-suq tal-prodott rilevanti u s-suq ġeografiku. B'hekk, normalment ⁽¹⁾, is-swieq rilevanti jkunu ġew definiti minn qabel għall-miżuri ta' għajjnuna reġjonali soġġett għal valutazzjoni fil-fond.
38. Żewġ indikaturi ewlenin ta' effetti negattivi potenzjali li joriġinaw mill-għajjnuna huma diġà identifikati fil-paragrafu 68 tar-RAG, jiġifieri l-ishma għoljin tas-suq u l-potenzjal ta' eċċess ta' kapacià produttiva f'suq li jkun jinsab għaddej minn rigress strutturali. Dawn l-indikaturi huma marbutin ma' żewġ teoriji dwar ħsara f'kuntast ta' kompetizzjoni li, rispettivament, huma l-ħolqien ta' poter fis-suq u l-ħolqien jew iż-żamma ta' strutturi ineffiċjenti tas-suq. Tikjil prima facie ta' dawn iż-żewġ indikaturi jkun diġà sar minn qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni. Sabiex jiġu pprovduti l-elementi kollha għall-eżerċizzju ta' bilanċjar finali, għandu jsir irfinar tal-valutazzjoni taż-żewġ indikaturi waqt il-valutazzjoni fil-fond. It-tielet indikatur ta' effetti negattivi potenzjali li joriġina mill-għajjnuna li għandu jiġi vvalutat fil-fond huwa l-influwenza tal-għajjnuna fuq il-kummerċ. Għalkemm dawn it-tliet indikaturi huma meqjusin bħala l-effetti negattivi ewlenin li potenzjalment joriġinaw mill-għajjnuna reġjonali għal proġett kbir ta' investiment, il-Kummissjoni ma għandhiex teskludi li indikaturi oħra ma jistgħux ikunu rilevanti wkoll f'każi speċifiċi.
39. Il-Kummissjoni tenfasizza b'mod partikolari l-effetti negattivi marbutin mal-kunċett ta' poter fis-suq u eċċess ta' kapacià f'każi fejn l-għajjnuna tipprovduti inċentiv għal tibdil fid-deċiżjoni dwar l-investiment, u għalhekk mingħajr l-għajjnuna ma kien iseħħ l-ebda investiment (l-ewwel xenarju tal-effett ta' inċentiv).
40. Jekk, madankollu, l-analiżi kontrofattwali jissuġġerixxi li mingħajr l-għajjnuna, l-investiment xorta waħda kien jitwettaq, kien x'kien il-każ, ukoll jekk possibbilment minn lokalità oħra (it-tieni xenarju), u jekk l-għajjnuna tkun proporzjonali, l-indikazzjonijiet possibbli ta' deformazzjonijiet bħal ma huma sehem qawwi tas-suq u żieda fil-kapacià f'suq li l-prestazzjoni tiegħu hija inqas mil-livell standard, għandhom, fil-prinċipju, ikunu l-istess, irrispettivament mill-għajjnuna.

3.1. Effett ta' soppressjoni fuq l-investiment privat

3.1.1. Poter fis-suq

41. Waqt li tkun qed tistabbilixxi l-ogħla livell ta' investiment tagħha, fi swieq b'numru limitat ta' atturi fis-suq (sitwazzjoni tipika għal proġetti kbar ta' investiment) kull impriża għandha tqis l-investiment maġġmul mill-kompetituri tagħha. Jekk l-għajjnuna twassal għal investiment akbar minn kumpanija partikolari, ir-reazzjoni tal-kompetituri tista' tkun li dawn inaqqsu l-infiq tagħhom stess f'dak il-qasam. F'dan il-każ, l-għajjnuna tkun wasslet għal effett ta' soppressjoni fuq l-investiment privat. Jekk, bħala riżultat ta' dan, dawn il-kompetituri jiddgħajfu jew saħansitra jkollhom jirtiraw, l-għajjnuna tkun fixklet il-kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, kif diskuss fil-paragrafu 38, ir-RAG jiddistingwu bejn każijiet fejn il-benefiċjarju tal-għajjnuna jkollu poter fis-suq u każijiet fejn l-għajjnuna twassal għal espansjoni kbira ta' kapacià f'suq li jkun sejjer għan-niżla.
42. B'mod ġenerali, kwalunkwe għajjnuna lil benefiċjarju wieħed f'suq ikkonċentrat x'aktarx li aktar tkun ta' tfixkil għall-kompetizzjoni minħabba li d-deċiżjoni ta' kull impriża x'aktarx li taffettwa lill-kompetituri tagħha b'mod aktar dirett. Dan huwa partikolarment il-każ fejn parteċipant

⁽¹⁾ Meta d-dubji dwar id-definizzjoni xierqa tas-swieq rilevanti jipper-sistu, il-Kummissjoni tidentifika dawn id-dubji fid-deċiżjoni biex titnieda l-proċedura formali ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE.

dominanti fis-suq ikun issussidjat. Bħala riżultat, jekk min hanna l-ghajjnuna, il-benefiċjarju jista' jżomm jew iżid il-poter tiegħu fis-suq ⁽¹⁾, l-ghajjnuna reġjonali f'tali proġetti kbar ta' investiment jista' jkollha effetti deterrenti fuq id-deċiżjoni ta' investiment tal-kompetituri u b'hekk jiġi ġġenerati distrosjonijiet fil-kompetizzjoni. Dan ikun ta' detriment għall-konsumaturi. Għalhekk il-Kummissjoni trid tillimita għajjnuna mill-Istat lil kumpaniji li għandhom poter fis-suq.

43. Għall-każi kollha ta' għajjnuna reġjonali li jstimulaw il-limitu tan-notifika (il-paragrafu 64 tar-RAG), il-Kummissjoni jeħtiġilha tivvaluta (il-paragrafu 68 (a) tar-RAG) is-sehem li l-benefiċjarju tal-ghajjnuna (jew il-grupp li għalih jappartjeni) jkollu mill-bejgħ tal-prodott kkonċernat fis-suq/swieq rilevanti ġeografiku/ġeografiċi u tal-prodott. Madankollu, l-ishma tas-suq jistgħu jagħtu biss indikazzjoni preliminari tal-problemi possibbli. Għalhekk, f'valutazzjoni fil-fond, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll fatturi oħrajn, meta dan ikun rilevanti, inkluż, pereżempju, l-istruttura tas-suq billi tħares lejn il-konċentrazzjoni fis-suq ⁽²⁾, l-ostakli possibbli għad-dħul ⁽³⁾, il-poter tax-xerrej ⁽⁴⁾ u l-ostakli għall-ħruġ.

44. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ishma tas-suq u fatturi oħrajn relatati qabel u wara l-investiment (normalment sena qabel ma jibda l-investiment u sena wara li tkun inkisbet il-milja tal-produzzjoni). Meta tivvaluta l-effetti negattivi fid-dettall, il-Kummissjoni għandha tqis li, filwaqt li wħud mill-proġetti ta' investiment jitwettqu skont kriterju ta' skala ta' żmien relattivament qasir ta' sena jew sentejn, il-parti l-kbira tal-proġetti kbar ta' investiment għandhom medda ta' żmien ferm itwal. Għaldaqstant, fil-parti l-kbira tal-każi, tkun meħtieġa analiżi tal-evoluzzjoni tas-swieq fuq medda twila ta' żmien. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tirrikonoxxi l-fatt li din l-analiżi għat-tul hija aktar spekulattiva, partikolarment fil-każ ta' swieq instabbli jew swieq li jkunu għaddejjin minn tibdil teknoloġiku mġhaġġel. Għalhekk, aktar ma l-analiżi tkun għat-tul u allura aktar ma tkun spekulattiva, inqas ikun il-piż marbut mal-effett negattiv possibbli tal-poter fis-suq jew il-possibbiltà ta' mġiba ta' esklużjoni.

⁽¹⁾ Il-poter fis-suq hu l-poter meħtieġ biex jiġu influwenzati l-prezzijiet tas-suq, il-prodott finali, il-varjeta u l-kwalità tal-oġġetti u s-servizzi, jew parametri oħra ta' kompetizzjoni fis-suq għal perjodu ta' żmien sinifikanti.

⁽²⁾ Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra l-indiċi Herfindahl-Hirschman (HHI). Dan l-indiċi jipprova analiżi bażika tal-istruttura tas-suq. F'suq li fih ikun hemm fit-parteċipanti fejn għadd minnhom ikollhom sehem fis-suq relattivament kbir, sehem fis-suq kbir min-naħa tal-benefiċjarju jista' jkun inqas ta' tħassib għall-kompetizzjoni.

⁽³⁾ Dawn l-ostakli għad-dħul jinkludu ostakli legali (b'mod partikolari drittijiet tal-proprietà intellettwali), ekonomiji ta' skala u portata, ostakli għall-aċċess għan-netwerks u infrastruttura. Meta l-ghajjnuna tikkonċerna suq fejn il-benefiċjarju tal-ghajjnuna jkun diġà stabbilit, l-ostakli possibbli għad-hul jistgħu jintensifikaw il-poter potenzjali fis-suq f'idejn il-benefiċjarju tal-ghajjnuna bir-riżultat li jiġu intensifikati wkoll l-effetti negattivi possibbli ta' dak il-poter fis-suq.

⁽⁴⁾ Fejn hemm xerrejja f'saħħithom fis-suq, huwa anqas probabbli li benefiċjarju tal-ghajjnuna jista' jżid il-prezzijiet vis-à-vis dawn ix-xerrejja f'saħħithom.

3.1.2. *Ħolqien jew żamma ta' strutturi tas-suq ineffiċjenti*

45. Huwa sinjal ta' kompetizzjoni effikaċi jekk impriżi ineffiċjenti jkunu mġiegħla joħorġu mis-suq. Fuq medda twila ta' żmien, dan il-proċess iħeġġeġ il-progress tekniku u użu effiċjenti tar-riżorsi skarsi fl-ekonomija. Madankollu, espansjoni sostanzjali ta' kapaċità kkawżata minn għajjnuna mill-Istat f'suq li l-prestazzjoni tiegħu tkun inqas mil-livell standard tista' tfixx il-kompetizzjoni b'mod esaġerat minħabba li l-kapaċità eċċessiva tista' twassal għal tnaqqis fil-marġni ta' profitt u fil-kapaċità tal-kompetituri kif ukoll għall-ħruġ tagħhom mis-suq. Dan jista' jwassal għal sitwazzjoni fejn kompetituri li altrimenti setgħu żammew posthom fis-suq, ikunu mbuttati barra minnu b'konsegwenza tal-ghajjnuna mill-Istat. Dan jista' wkoll jimpedixxi lil impriżi bi spejjeż baxxi milli jidħlu fis-suq u jista' jdgħajjef l-inċentivi min-naħa tal-kompetituri biex joħolqu l-innovazzjoni. Dan kollu jwassal għal strutturi tas-suq ineffiċjenti li, fl-aħħar mill-aħħar, huma wkoll ta' ħsara għall-konsumaturi.

46. Biex tevalwa jekk l-ghajjnuna tistax isservi biex jinħolqu jew jinżammu strutturi ineffiċjenti tas-suq, kif imsemmi aktar 'il fuq, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-kapaċità addizzjonali fil-produzzjoni maħluqa mill-proġett u jekk il-pres-tazzjoni tas-suq tkun inqas mil-livell standard ⁽⁵⁾. Skont ir-RAG, il-kapaċità addizzjonali titqies biss problematika jekk tinholqu f'suq li l-prestazzjoni tiegħu tkun inqas mil-livell standard u jekk il-kapaċità addizzjonali tkun aktar minn ħamsa fil-mija tas-suq ikkonċernat.

47. Minħabba li kapaċità maħluqa f'suq li jinsab għan-niżla b'mod assolut tista' normalment tipproduċi effetti akbar ta' tfixkil milli tipproduċi kapaċità maħluqa f'suq għan-niżla b'mod relattiv, il-Kummissjoni għandha tagħżel bejn il-każi fejn minn perspettiva fit-tul, is-suq rilevanti jkun għan-niżla b'mod strutturat (jiġifieri fejn juri rata ta' tkabbir fin-negattiv) u każi fejn is-suq ikun għan-niżla b'mod relattiv (jiġifieri juri rata ta' tkabbir fil-pożittiv iżda mingħajr ma jinqabeż il-parametru ta' referenza tar-rata ta' tkabbir (ara paragrafu 48)). Meta l-kapaċità maħluqa mill-proġett isseħħ f'suq li hu strutturalment għan-niżla b'mod assolut, il-Kummissjoni tikkunsidraha bħala element negattiv fl-eżami għall-ibbilanċjar li x'aktarx ma jkunx possibbli li jinstablu kumpens b'elementi pożittivi. F'każ bħal dan, il-benefiċċju għat-tul għar-reġjun ikkonċernat huwa wkoll aktar dubjuż.

48. Prestazzjoni ta' suq inqas mil-livell standard tiegħu normalment jitkejjel bi tqabbil mal-PGD taż-ŻEE matul l-aħħar ħames snin qabel il-bidu tal-proġett (rata ta' referenza). Id-dejta dwar il-prestazzjoni tal-imgħoddi hija disponibbli aktar faċilment u hija inqas spekulattiva minn

⁽⁵⁾ F'dan il-kuntest, suq jitqies li l-prestazzjoni tiegħu tkun inqas mil-livell standard jekk ir-rata medja annwali ta' tkabbir tiegħu matul il-perjodu ta' referenza ma taqbiżx ir-rata ta' tkabbir tal-PGD taż-ŻEE.

previżjonijiet għall-ġejjieni. Madankollu, waqt il-valutazzjoni fil-fond, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra wkoll ix-xejriet li huma mistennija għall-ġejjieni billi ż-żieda fil-kapaċità tisforza l-effett ta' għajna fis-sinjura ta' wara li jkun sar l-investment. L-indikaturi jistgħu jkunu t-tkabbir futur prevedibbli tas-suq ikkonċernat u r-rati tal-użu tal-kapaċità mistennija li jirriżultaw, kif ukoll l-impatt li x'aktarx ikollha ż-żieda fil-kapaċità fuq il-kompetituri permezz tal-effetti ta' għajna fuq il-prezzijiet u l-marġni tal-profiti.

49. L-esperjenza turi wkoll li fuq mill-każi, il-konsiderazzjoni tat-tkabbir tal-prodott ikkonċernat fl-ambitu taż-ŻEE tista' ma tkunx il-parametru ta' referenza xieraq biex jiġu vvalutati l-effetti tal-għajna, partikolarment jekk is-suq ikun ikkunsidrat bħala wieħed mifruq mad-dinja kollha u jekk ikun hemm biss produzzjoni jew konsum limitati tal-prodotti kkonċernati fiż-ŻEE. F'dawn il-każi, il-Kummissjoni għandha tħares lejn l-effett tal-għajna fuq l-istrutturi tas-suq minn perspettiva usa', fejn jitqies b'mod partikolari l-potenzjal tiegħu biex jidher il-produtturi taż-ŻEE.

3.2. Effetti negattivi fuq il-kummerċ

50. Kif imfisser f'paragrafu 2 tar-RAG, l-ispeċifità ġeografika tal-għajna reġjonali ta' għajna orizzontali. Hija karatteristika partikolari ta' għajna reġjonali li hi maħsuba biex tinfluwenza l-għajna li ssir mill-investituri dwar fejn se jallokaw il-proġetti tal-investment. Fejn l-għajna reġjonali qed tpaċi l-ispejjeż addizzjonali li jidher minn żvantaġġi reġjonali u tappoġġja investment addizzjonali f'żoni meġhuna, qed tikkontribwixxi mhux biss għall-iżvilupp tar-reġjun, imma wkoll għall-koeżjoni u fl-aħħar mill-aħħar hija ta' benefiċċju għall-UE kollha kemm hi ⁽¹⁾. Fir-rigward tal-effetti potenzjalment negattivi ta' lokazzjoni marbuta mal-għajna reġjonali, dawn huma diġa rikonossuti u ristretti sa ċertu punt mir-RAG u l-mapep ta' għajna reġjonali, li jiddefinixxu kompletament l-inħawi eliġibbli li jingħataw għajna reġjonali, bil-kunsiderazzjoni tal-oġġettivi ta' politika ta' ekwità u koeżjoni, u l-intensitajiet tal-għajna eliġibbli. L-għajna tista' ma tingħataw biex tħajjar investmenti barra minn dawn iż-żoni. Meta tkun qed teżamina proġetti kbar ta' investment suġġetti għal din il-gwida, il-Kummissjoni għandu jkollha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis jekk l-għajna mill-Istati hix se twassal għal telf sostanzjali ta' impjeggi f'postijiet eżistenti fi ħdan il-Komunita'.
51. B'mod aktar konkret, fejn investmenti li qed iżidu l-kapaċità tal-produzzjoni fxi suq ikunu saru possibbli grazzi għall-għajna mill-Istat, hemm ir-riskju li dik il-produzzjoni jew l-investment f'reġjuni oħra tal-UE tista' tiġi affettwata ħażin. Dan x'aktarx li jseħħ jekk iż-żieda fil-kapaċità taqbeż it-tkabbir tas-suq, kif ġeneralment jiġri fi proġetti kbar ta' investment li jilhqgħu t-tieni kriterju tal-paragrafu 68 tar-RAG. L-effetti negattivi fuq il-kummerċ, li jikkorrispondu fuq l-attività ekonomika mitlufa fir-reġjuni affettwati

mill-għajna jistgħu jinhasu permezz ta' impjeggi mitlufa fisuq ikkonċernat, fil-livell ta' sottokuntratturi ⁽²⁾ u bħala riżultat ta' esternalitajiet pożittivi li jintilfu (eż. Effett ta' ragruppament, tixrid ta' għarfien, edukazzjoni u tatriġ, eċċ.).

4. IBBILANĊJAR TAL-EFFETTI TAL-GĦAJNUNA

52. Wara li tkun stabbilixxiet li l-għajna hija meħtieġa biex tkun ta' inċentiv għat-twertiq ta' investment fir-reġjun ikkonċernat, il-Kummissjoni għandha tibbilanċja l-effetti pożittivi tal-għajna għall-investment reġjonali lil proġett kbir ta' investment bl-effetti negattivi ta' għajna. Għandhom jiġu kkunsidrati bir-reqqa l-effetti globali tal-għajna fuq il-koeżjoni fil-Komunita'. Il-Kummissjoni m'għandhiex tapplika l-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida b'mod mekkaniku iżda għandha twettaq valutazzjoni globali tal-importanza relattiva ta' dawn il-kriterji. F'dan l-eżerċizzju ta' bilanċ, l-ebda element uniku ma huwa determinant, u ebda sett ta' elementi ma jista' jitqies bħala biżżejjed biex waħdu jiżgura kompatibbiltà.
53. B'mod partikolari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tħajjar ta' investment lejn reġjun ifqar (kif iddefinit mil-limitu aktar għoli ta' għajna reġjonali) ikun ta' benefiċċju akbar għall-koeżjoni fi ħdan il-Komunita' milli kieku l-istess investment kien lokalizzat f'reġjun aktar ivvantaġġat. Għaldaqstant, fil-kuntest tat-tieni xenarju li fih trid tingħieb prova ta' lokalità alternattiva, valutazzjoni dwar jekk mingħajr għajna l-investment kienx ikun lokalizzat f'reġjun ifqar (aktar żvantaġġi reġjonali intensità massima ogħla ta' għajna reġjonali) jew f'reġjun li jkun meqjus li għandu l-istess żvantaġġi reġjonali bħal tar-reġjun fil-mira (l-istess intensità massima ta' għajna reġjonali) tikkostitwixxi element negattiv fl-eżami tal-ibbilanċjar globali li x'aktarx ma jkunx possibbli li jinstablu kumpens b'elementi pożittivi minħabba li huwa kontradittorju għal-loġika inerenti tal-għajna reġjonali. Min-naħa l-oħra, l-effetti pożittivi tal-għajna reġjonali li tikkompensa biss għad-differenza tal-ispejjeż netti relattivi għal post alternattiv ta' investment aktar żviluppat (u b'hekk tissodisfa t-test ta' proporzjonalità t'hawn fuq, u kif ukoll ir-rekwiżiti tal-"effett pożittiv" fir-rigward tal-oġġettiv, ta' kemm hu xieraq u tal-effett ta' inċentiv), ikun normalment ikkunsidrat, skont it-test ta' bilanċ, bħala li jissupera l-effetti negattivi fil-post alternattiv għall-investment il-ġdid.
54. Madankollu, fejn hemm evidenza kredibbli li l-għajna mill-Istat se twassal għal telf sostanzjali ta' impjeggi f'postijiet eżistenti fi ħdan l-Unjoni Ewropea, li kieku x'aktarx kienu jibqgħu hemm fuq medda medja ta' żmien, l-effetti soċjali u ekonomiċi fuq dak il-post eżistenti jkunu jridu jiġu kkunsidrati fl-eżerċizzju ta' bilanċ.
55. Wara li tkun twettqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali stabbilita fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, il-Kummissjoni tista' ta' għajna il-proċedura b'deċiżjoni skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ B'mod partikolari, attività addizzjonali jew standard tal-livell tal-għajna miżjud fir-reġjun meġhjun jista' jżid id-domanda għal prodotti u servizzi li joriġinaw minn partijiet oħra tal-Komunita'.

⁽²⁾ Speċjalment jekk joperaw fi swieq lokali fir-reġjun.

56. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi jew li tapprova, tikkundizzjona jew tipprojbixxi l-għajnuna ⁽¹⁾. Jekk tadotta deċiżjoni kundizzjonali skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, hija tista' tehmeż kundizzjonijiet biex tillimita t-tfixkil potenzjali għall-kompetizzjoni u biex tiżgura l-proporzjonalità. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont innotifikat ta' għajnuna jew tal-intensità tal-għajnuna għal livell li jitqies proporzjonali u għalhekk kompatibbli mas-suq komuni.
-

⁽¹⁾ Meta għajnuna tingħata fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna reġjonali eżistenti, għandu madankollu jiġi nnutat li l-Istat Membru jibqagħlu l-possibbiltà li jaġhti din l-għajnuna sal-livell li jikkorrispondi mal-ammont massimu permissibbli li investiment b'nefqa eliġibbli ta' EUR 100 miljun jista' jirċievi skont ir-regoli applikabbli.